## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 56/2021: **JERRY POLIDANO (KI. 41272M) V. ANTONELLA PULIS (KI. 20579M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Jerry Polidano (imsejjaħ "ir-rikorrent") ppreżentat fil-11 ta' Marzu 2021[1] li permezz tiegħu talab lil Antonella Pulis (imsejjħa "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li tħallas jew trodd lura:

**'1. Nofs il-prezz (purchase value kien ta' €2500) li bih inxtara l-kelb tar-razza Chihuahua Long Coat Male bl-isem 'Falco' u ċioe elf, mitejn u ħamsin ewro (€1250);**

**2. Is-somma ta' elfejn ewro (€2000) li huwa l-purchase jew is-selling value tal-kelba tar-razza Pomeranian bl-isem 'Swannie' li għalkemm ingħatat lill-intimata għall-breeding hija ddeċidiet arbitrarjament illi żżomma għaliha mingħajr ma onorat il-ftehim illi tatih ġeru minn kelba oħra tal-istess valur;**

**3. Il-kelba tar-razza Chihuahua Smooth coat, bl-isem 'Wonder';**

**4. Is-somma ta' seba' mija u ħamsin ewro (€750) li hija l-valur ta' ġeru (wieħed minn tnejn) li twieled mill-istess kelba bl-isem 'Wonder';**

**5. Il-kelba tar-razza Pomeranian, bl-isem 'Polly' jew tħallas il-valur tagħha ta' elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) mingħajr il-pedigree jew elfejn ewro (€2000) bil-pedigree;**

**6. Il-kelba tar-razza Pomeranian, bl-isem 'Maya', jew tħallas il-valur tagħha ta' elf u ħames mitt ewro (€ 1,500) bil-pedigree.**

**7. Nofs is-sehem tal-ġriewi li twieldu minn 'Maya' meta ġiet mgħammra mal-kelb 'Yulik'.**

---

[1] Fol 1-2

**F'każ illi l-klieb ma jistgħux jingħataw lura lir-rikorrenti, ir-rikorrent irid il-valur tagħhom hekk kif jiġi llikwidat.**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet kontra l-intimata nġunta għas-subizzjoni. "**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fis-6 ta' April 2021[2] li permezz tagħha wieġbet u ppremettiet kif ġej:

**"1. Illi preliminarjament ir-rikorrent għandu jiddikjara taħt liema artikoli tal-liġi qed isejjes il-pretensjonijiet u t-talbiet tiegħu;**

**2. Illi preliminarjament, mingħajr preġudizzju għall-ewwel osservazzjoni, r-rikorrent għandu ukoll jiddikjara, b'mod dettaljat, meta dawn il-klieb kienu allegatament għandu u taħt liema titolu;**

**3. Illi preliminarjament, mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ punti sollevati, r-rikorrent ukoll għandu jiddikjara meta talab, dak li fil-fatt qed jitlob, b'att ġudizzjarju qabel ma intavola r-rikors odjern;**

**4. Illi preliminarjament ukoll, mingħajr preġudizzju għal dak diġa' sollevat fil-punti preċedenti, l-intimata qed tinvoka l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minħabba il-fatt, kif del resto ser jiġi ppruvat f'din il-kawża, li l-klieb kollha ilhom għandha aktar minn sena;**

**5. Illi l-klieb li r-rikorrent qed jivvanta li kienu jew li huma tiegħu huma kollha rreġistrati fuq l-intimata skond il-liġi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;**

**6. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.**

**Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."**

wara li rat li bis-sentenza *in parte* tagħha tad-9 ta' Mejju 2022 il-Qorti ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni tal-intimata ossia' dik tal-preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti[3],

wara li rat li permezz tan-nota ppreżentata fit-28 ta' Novembru 2022[4] ir-rikorrent:

- fir-rigward tal-ħames talba irtira dik il-parti li tirrigwarda t-talba għar-ritorn tal-kelba "Polly" jew il-ħlas tal-valur tagħha ta' € 1,500 mingħajr il-*pedigree,* iżda żamm ferm fuq it-talba tiegħu għall-ħlas tal-valur tagħha ta' € 2,000 bil-*pedigree*;
- fir-rigward tas-sitt talba irtira dik il-parti li tirrigwarda t-talba għar-ritorn tal-kelba "Maya" iżda żamm ferm fuq it-talba tiegħu għall-ħlas tal-valur tagħha ta' € 1,500 bil-*pedigree*;
- irtira s-seba' talba

[2] Fol 6-7
[3] Fol 70A-70H
[4] Fol 81

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavits li ġew ippreżentati,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrent mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young[5],
- għan-nom tal-intimata mill-Avukat Dr. Alexander Paul Miruzzi[6]

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Daħla

1. F'din il-kawża r-rikorrent jippremetti illi huwa kien sħab mal-intimata fin-negozju tal-*breeding* tal-klieb u kellhom ftehim fis-sens illi jixtri l-klieb, jgħaddihomlha biex trabbihom u tieħu ħsieb l-ikel tagħhom, jgħammruhom u jbiegħu l-frieħ tagħhom meta jkollhom tmien ġimgħat u imbagħad jaqsmu l-bejgħ tal-istess frieħ. L-ispejjeż tal-veterinarju kienu jinqasmu bejniethom skond dan il-ftehim. Ġara illi meta l-intimata ma riedetx tkompli bi sħab, skond ir-rikorrent hija naqset milli tirritornalu l-klieb bl-isem ta' Falco (*Chihuahua Long Coat*), Swannie (*Pomeranian)*, Wonder (*Chihuahua Smooth Coat*), Polly *(Pomeranian)* u Maya *(Pomeranian)*. Għalhekk talab[7] li jingħata nofs il-prezz ta' wieħed mill-klieb (Falco), il-prezz sħiħ ta' tlieta minnhom (Swannie, Polly u Maya, bil-prezz ivarja skond jekk mhux bil-*pedigree* jew bla *pedigree*) u fil-każ ta' kelb minnhom (Wonder) talab li jiġi ritornat lura lilu (u f'każ illi ma jkunx jista' jiġi rritornat lura lilu talab li jingħata il-valur tiegħu kif likwidat mill-Qorti) u li jingħata l-valur ta' ġeru minn tiegħu. Fi stadju ieħor matul il-kawża, ossia fl-*affidavit* tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[8] ir-rikorrent qal illi huwa filfatt qed jitlob l-ammont totali ta' € 7,500 għall-klieb kollha u li billi issa għaddew sentejn huwa m'għadux interessat li jieħu lura l-klieb imma jippretendi li jieħu l-valur tagħhom.

2. L-intimata ressqet numru ta' eċċezzjonijiet preliminari: talbet lir-rikorrent jiddikjara taħt liema artikolu tal-liġi qed jibbaża l-azzjoni tiegħu, it-titolu tiegħu fuq l-istess klieb, jekk qattx għamel talba b'att ġudizzjarju qabel ma fetaħ il-kawża u inoltre l-preskrizzjoni tal-azzjoni tiegħu. Fil-mertu sostniet illi l-klieb huma reġistrati fuqha u li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Mill-atti tal-kawża imbagħad jirriżulta illi d-difiża prinċipali tagħha hija illi mhux vera illi kien hemm xi

[5] Fol 162-183
[6] Fol 152-161
[7] Hawnhekk il-Qorti tissottolinea illi qed tagħmel riferenza għat-talbiet tar-rikorrent, kif sussegwentement emendati bin-nota tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022 a fol 81
[8] Fol 37-54

ftehim ta' sħubija rigward dawn il-klieb u li filfatt hija kienet xtrat dawn il-klieb mingħandu u kienet ħallsitu tagħhom.

**Provi**

3. Fl-affidavit tagħha ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021[9] l-intimata **Antonella Pulis** qalet fost affarijiet oħra s-segwenti:

    a. Hi u r-rikorrent Jerry Polidano kienu ħbieb u kienu ilhom jafu lil xulxin għal xi snin. Qalet li hija mara tad-dar filwaqt li hu għandu *pet shop* f'Ħal Tarxien.

    b. Qalet li kien veru illi kienu xtraw xi klieb bejniethom bi sħab għal *breeding* sabiex jaqsmu l-profitti. Fosthom qalet illi kienu xtraw ħames *French Bulldogs*, b'erbgħa minnhom kienu reġistrati elettronikament ("ċċipjati") fuqha. Qalet li għalkemm suppost kienu bi sħab, ir-rikorrent qatt ma kien iħallasha sehmu mill-ispejjeż tal-ikel u l-*vaccines* li kienet tagħtihom tramite l-*vet* Dr. Sabrina Bonnici. Hija kienet tixtri l-ikel mingħandu stess u kienet tonfoq qisu xi € 50 fil-ġimgħa. L-istess jgħodd għal għaxart iklieb li kienet iżżomm għandha bi sħab li kienet tonfqilhom xi € 70 ikel fil-ġimgħa. Madanakollu rigward il-frieħ, ir-rikorrent kien jieħu ħsieb jeħodhom għall-*vaccines* għand il-vet tiegħu Dr. Steven Mercieca.

    c. Il-*bulldogs* inbiegħu u ħallsietu sehma minnhom.

    d. Fl-2019 bdiet tisma' li r-rikorrent kien qed ikollu l-inkwiet mal-*breeding club* tal-Msida tant illi spiċċa biex tkeċċa u għalhekk peress ili ma ridietx illi tiċċappas miegħu u tispiċċa titkeċċa hi ukoll, riedet tieqaf kwalsiasi negozju li kellhom. Għalhekk hija rritornatlu lura l-għaxart iklieb fl-2020 u qas kienet insistiet fuq sehma minn kelba minnhom li kellha sebat ifrieħ.

    e. Rigward il-ħamest iklieb li fetaħ il-kawża dwarhom ir-rikorrent, hija ċaħdet illi dawn kienu nxtraw bi sħab u sostniet li hija kienet xtrathom mingħandu mill-*pet-shop* stess fil-presenza tal-ex-*partner* tiegħu Raymond Zahra u li kienet ħallsitu tagħhom *cash* mingħajr ma qatt għaddielha xi riċevuta. Skond hi dan ma kien itiha xejn x'turi li ħallsitu għaliex ma kienx irid li jidhru l-flus li kien qed idaħħal. Qalet illi l-klieb huma rreġistrati fuqha u huma tagħha. Qalet li l-flus kienet titolobhom lil żewġha, Brian Pulis.

    f. Fil-kontroeżami tagħha tas-7 ta' Ottubru 2024[10] l-avukat tar-rikorrent għamlitilha riferenza għal dak li skond hi kien messaġġ li bagħtet lir-

[9] Fol 20-22
[10] Fol 136-151

rikorrent fit-30 ta' Ġunju 2019 bil-kliem: "*Dawn li nixtieq nzomm, Poli Poli, Wonder, Maya, Swanny, Joe, Hope u Faith*". Hija qalet illi dan il-messaġġ mhuwiex komplut għaliex il-messaġġ jkompli bil-kliem *"ovvja mhux b'xejn ta"* li jfissier li kienet ser tikkumpensah.

g. Dwar x'kellha tgħid f'iktar dettal dwar il-klieb in kwistjoni (u dwar x'kellu xi jgħid ir-rikorrent dwarhom) il-Qorti sejra tagħmel elenku komparattiv iktar 'l quddiem f'din is-sentenza

4. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[11] ir-rikorrent **Jerry Polidano** qal fost affarijiet oħra s-segwenti:

a. Huwa ilu jaf lill-intimata Antonella Pulis għal aktar minn erba' snin u kienu saru ħbieb f'Mejju 2017 wara li bdiet tixtri mingħandu xi klieb milli kien irabbi. Hija kienet xtrat xi sitt iklieb mingħandu u eventwalment kien offrilha li jtiha klieb bi sħab, bħal ma kien jagħmel ma tlett persuni oħra, jiġifieri li jtiha kelba biex trabbiha u tieħu ħsiebha mill-ikel, jgħammruha, trabbi l-frieħ tagħha imbagħad ta' 8 ġimgħat jbiegħuhom u jaqsmu l-prezz (u jaqsmu ukoll l-ispejjeż tal-veterinarju).

b. Ir-rikorrent qal li aċċettat dan il-ftehim u filfatt taha diversi klieb bi sħab fosthom xi *French Bulldogs* li kellhom jinbiegħu qabel iż-żmien (bil-partijiet jaqsmu flushom) minħabba li l-intimat ma setgħetx tibqa żżommhom. Matul iż-żmien tagħha ukoll xi klieb b'xejn li ma kienu bi sħab, sabiex iżommhom għaliha, iżda rritornatlu kelb minnhom f'Ottubru 2020.

c. Madanakollu l-intimata ddeċidiet li twaqqaf dan il-ftehim għaliex skond hu bdiet tiddejjaq bl-ammont kbir ta' klieb li kellha għandha u rat ukoll li tista' tibda tagħmel negozju waħedha. Kien għalhekk li huwa rranġa d-dar tiegħu biex ikun jista' jakkomoda l-klieb u f'Settembru 2020 talabha l-klieb lura li kienu għandha bi sħab. Hija rritornatlu xi għaxart iklieb f'dak ix-xahar u huwa kien għadda tlieta minnhom li ma kellux bżonnhom lil *Noah's Ark Sanctuary*.

d. Ġara però illi l-intimata baqgħet ma rritornatlux il-klieb mertu ta' din il-kawża. Huwa ċaħad illi hija kienet xtrathom mingħandu u anzi qal illi hija stess taf illi kellha tirritornahomlu lura. In sostenn ta' dan huwa esebixxa kopja ta' messaġġ mibgħut lilu minnha fit-30 ta' Settembru 2020 fit-tmienja u sebgħa minuti ta' filgħaxija wara li kienet marret il-*petshop* tiegħu sabiex tkellmu biex jippruvaw jaslu fi ftehim (Dok JP6 a fol 53)

[11] Fol 37-54

e. Inoltre qal illi huma qatt ma kienu jfittxu ma xulxin u li dejjem qasmu l-ispejjeż tat-tobba.

f. Huwa sostna ukoll illi l-fatt illi dawn il-klieb kienu ċċippjati fuqha ma jfissirx li huma tagħha għaliex il-liġi tippermetti li dawn jiġu ċċippjati mill-persuna li tkun qed iżżommhom. Filfatt qal illi l-intimata ċċippjat l-klieb in kwistjoni wara li talabhomla lura.

5. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[12] il-veterinarja **<u>Dr. Sabrina Bonnici</u>** qalet fost oħrajn illi:

a. Kienet ilha taf lill-intimata għal dawn l-aħħar 14-il sena u ilha veterinarja tagħha għal xi 9 snin. L-intimata tuża s-servizzi tagħha b'mod regolari.

b. L-intimata kienet introduċietha mar-rikorrent meta dan kellu bżonn *vet* għal xi intervent fuq wieħed mill-klieb tiegħu wara li ma setax jaqdih il-*vet* regolari li kien juża. Qalet li matul iż-żmien ġieli kien jibgħatilha għal pariri però taf illi huwa kien jaħdem b'*vets* oħra. Irreferiet għal żewġ okkażjonijiet fejn fil-fehma tagħha r-rikorrent ma kienx mexa sew: darba meta ppretenda li taqdih ħabta u sabta minkejja li kienet tqila u minkejja li kien tard filgħaxija, u darb' oħra meta waqt intervent li kienet qed tagħmel fuq kelba minn tiegħu ma kienx għaraf jieħu ħsieb ġeru ieħor li kien għadu kemm twieled u dan peress li rah ibati min-nifs u fil-fehma tiegħu kien biss ħela ta' ħin. Qalet ukoll li ltaqat ma ħafna klijenti li kienu xtraw klieb mingħand ir-rikorrent u li sfortunatament ħarġulhom ċertu kundizzjonijiet mediċi illi huma ġenetiċi jew ereditarji.

c. Qalet illi l-klieb mertu tal-kawża kienet ilha tieħu ħsiebhom għal numru ta' snin u ġieli marret hi stess għand l-intimata ġewwa d-dar tagħha f'Ħaż-Żabbar biex taqdiha u ġieli marret l-intimata għandha fil-klinika tagħha.

d. Qalet ukoll illi dawn il-klieb huma kollha *microchipped* fuq l-intimata bħala l-persuna li kienet qed iżżommhom u tieħu ħsiebhom u li l-intimata għandha kopja taċ-ċertifikati in kwistjoni li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Microchipping ġewwa Ħal Luqa.

6. F'iktar dettal dwar il-klieb in kwistjoni l-partijiet u l-veterinarju Dr. Sabrina Bonnici kellhom is-segwenti xi jgħidu:

**FALCO**

[12] Fol 97-100

7. **<u>Antonella Pulis</u>**:

   a. Fl-affidavit tagħha tal-4 ta' Ottubru 2021[13] qalet li dan il-kelb tar-razza *Chihuahua Long Coat* twieled fil-25/01/2019 u ilu għandha minn xi Novembru 2019. Sostniet li xtratu mingħand ir-rikorrent għal prezz ta' € 2,000 iżda imbagħad dan talabha €500 oħra sabiex itiha l-*pedigree*. Hija m'aċċettatx li ttih il-ħames mitt euro li talabha u għalhekk baqgħet mingħajr *pedigree.* Esebiet xi dokumenti li skond hi jsostnu x-xhieda tagħha, u ċioe Dok AP7 a fol 33 u Dok AP8 a fol 34-35.

   b. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2024[14] qalet li r-rikorrent taha biss *photocopy* tal-*pedigree*. Qalet ukoll illi l-klieb kollha mertu tal-kawża apparti dan il-kelb, Falco, kienu ġew imsewwija mill-*vet* tagħha stess. Ikkonfermat li r-rikorrent kien qallha li xtrah minn barra għal xi € 2,500 u li hija tagħtu € 2,000.. Qalet illi huwa talabha € 2,500 bil-*pedigree* iżda hija tagħtu € 2,000 għaliex ma kelliex bżonn *pedigree.*

   L-avukat tar-rikorrent għamlitilha riferenza għal kopja ta' messaġġ "Dok JP1(a)" mibgħut minnha skond hi fis-7 ta' Ottubru 2019 a fol 42 tal-proċess fejn taħt ir-ritratt ta' dak li jidher li huwa kelb tar-razza *Chihuahua Long Coat* qaltlu l-kliem *"Hi swt. kemm hu sabih, jekk trid nixtruh bi shab ghalija mhux problema imma fil-kas zommu int"*. Mistoqsija x'kellha xi tgħid għal dawn il-kliem hija qalet illi r-rikorrent ma kienx aċċetta għax huwa qatt ma ried iżomm klieb ta' ħaddieħor bi sħab iżda ried li jkun is-sieħeb l-ieħor li jżommhom u jitmagħħom.

   Ikkonferma li Falco għall-ewwel kien għand ir-rikorrent iżda imbagħad meta xtratu ħaditu għandha. Però muriha kopja ta' messaġġ allegatament mibgħut minnha lir-rikorrent fis-6 ta' Mejju 2020 bil-kliem *"Hello sweet, issa niġi għada u nieħu lil Falco ukoll. Thank you"* hija kkonfermat illi kienet damet sena biex tieħdu mingħandu wara li xtratu għaliex ried jgħammar bih sabiex jieħu l-frieħ minn tiegħu minkejja li f'dik is-sena il-kelb ma kienx bi sħab bejniethom.

8. **<u>Jerry Polidano</u>**:

   a. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[15] qal li huwa qed jitlob € 1,250, jiġifieri nofs il-prezz li kien xtrah. Ċaħad li l-intimat kienet xtratu mingħandu u in sostenn għamel riferenza għall-messaġġ li kopja tiegħu tinsab

[13] Fol 20-22
[14] Fol 136-151
[15] Fol 37-54

a fol 42 (Dok JP1(a)) fejn hemmhekk uriet ix-xewqa tagħha li jixtruh bi sħab. L-istess messaġġ juri ukoll il-*purchase price* tal-kelb, ossia' dak ta' € 2,500. Tenna illi l-kelb xtrawh bi sħab u li hija ħallsitu sehma li kien dak ta' € 1,250. Issa la trid żżommu hi, huwa jippretendi l-ħlas tas-sehem li ħareġ hu, ossia dak ta' € 1,250.

Qal illi inizjalment huwa żamm il-kelb iżda imbagħad bdiet iżżommu l-intimata biex tgħammru ma xi klieb nisa li kellhom bejniethom bi sħab u xi klieb oħra minn tagħha.

b. Fil-kontroeżami tiegħu tad-29 ta' Novembru 2021[16] r-rikorrent reġà tenna li kien xtara lil Falco għal € 2,500. Huwa għamel riferenza għad-dokument JP1(a) a fol 42 li huwa messaġġ mal-bejjiegħ li juri l-prezz tal-istess kelb u d-dokument JP1(b) a fol 43 li huwa *screenshot* li juri t-trasferiment tad-depositu fuq il-kelb. Qal li l-bilanċ kien ħallsu *cash* meta kien telà Vjenna għalih. Qal ukoll illi l-intimata kienet ħallsitu sehma qabel ma siefer biex jiġbru.

c. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022[17] qal li xtara lil Falco fit-18 ta' Ottubru 2019 mingħand ċertu Zuzana Szabova, *breeder* tac-*Chihuahuas* minn Slovakja, u kien telà għalih fl-ajruport ta' Vjenna. L-intimata kienet ħallsitu anke nofs l-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Tenna illi l-intimata aċċettat li jixtruh bi sħab għal prezz ta' € 2,500 basta jżommu hu u dan għaliex l-intimata kienet qed iżżomm għandha kelb bl-isem ta' Sylvester. Pero' meta imbagħad rritornatlu lura lil dan il-kelb hija ħadet lil Falco għandha bi ftehim bejniethom. Sostna illi huwa jrid sehmu lura ġaladarba m'għadhomx "*ko-sidien"* ta' Falco. Jaf ukoll illi l-intimata għamlet il-flus mill-istess kelb.

9. **<u>Dr. Sabrina Bonnici</u>**

a. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[18] qalet illi ilha tieħu ħsiebu minn Novembru 2019 u li dan kellu l-*microchip* tiegħu li nqaleb fuq l-intimata. Dan kien l-uniku kelb mill-ħamsa mertu tal-kawża illi ma ġewx sterilizzati.

**SWANNIE**

10. **<u>Antonella Pulis</u>**:

a. Fl-affidavit tagħha tal-4 ta' Ottubru 2021[19] qalet li din il-kelba tar-razza *Pomeranian* twieldet fid-29 ta' Marzu 2017 u ilha għandha minn tal-anqas

[16] Fol 55A-61
[17] Fol 77-80
[18] Fol 97-100
[19] Fol 20-22

April 2018 u dan kif tgħid li jidher miċ-ċertifikat li esebiet bħala Dok AP1 a fol 25. Tgħid li xtratha għas-somma ta' € 1,000 mingħajr *pedigree* liema somma ħallsitha *cash* lir-rikorrent. Esebiet ukoll ċertifikat tat-tilqima li tgħid li tat lill-kelba fl-20 ta' Lulju 2018 għand Dr. Sabrina Bonnici (Dok AP1 a fol 25).

b. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2024[20] ċaħdet is-suġġeriment tal-avukat tar-rikorrent illi r-rikorrent ma riedx ibiegħ lil Swanny għaliex din ma kienetx tajba għal *breeding* u qalet illi tant dan ma kienx il-każ illi hu stess kien beda jirreklama il-*puppies* tagħha.

Inoltre l-avukat tar-rikorrent irreferitha għal messaġġ li jgħid li ntbagħat mir-rikorrent lill-intimata fl-24 ta' Lulju 2020 meta dan qalilha illi Abby, t-tifla tal-intimata stess, kienet rabtet qalbha mal-kelba u ma riditx li din titgħammar. Fl-istess messaġġ jingħad illi r-rikorrent qal hekk lill-intimata: *"Abby ma tridx tghammara ... ahna meta tajtielek ftiehmna li titghammar darb. 'Jien mhux ha nsib problema zzommha inti pero tini sehemi minnha, jew puppy ha nigbor flusha u Swanny tibqa tieghek, ara inti.*' u li l-intimata weġbitu lura b'dawn il-kliem: *"Fuq Swanny kellimt lil Abby u ghidtilha li inti ghidtli li nammruha darba u accettat. M'ghidtli xejn hazin biex niehu ghalijja serrah rasek."*. L-intimata qalet illi dawn il-messaġġi kienu mbagħbsa fis-sens illi ma kienux juru d-diskursata kollha. Skond hi mill-*iscreenshots* li kellha fil-pussess tagħha joħroġ illi dawn il-messaġġi, għalkemm kienu ġenwini, ma kienux kompluti fis-sens illi r-rikorrent kien selettiv f'dak illi rriproduċa. Qalet illi l-messaġġ kien ikompli fis-sens illi hija qaltlu illi Swanny kienet ilha torqod mat-tifla tagħha Abby mindu tahilha u li kienet qed taraha diffiċli biex tneħħiha. Pero' qaltlu ukoll illi ma kienetx qed tippretendi li żżomm lil Swanny b'xejn.

Innegat illi kien hemm ftehim illi Swanny titgħammar darba u tieħu ferħ minn tagħha jew jieħu sehem minnha.

11. **<u>Jerry Polidano</u>**:

a. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[21] qal li huwa kien għaddilha din il-kelba bi sħab fl-ewwel ġimgħa ta' April 2018 bi ftehim illi titgħammar u jinbiegħu l-frieħ tagħha. Qal illi qatt ma talabilha lura u li sa fejn jaf hu l-kelba baqgħet ma tgħammret qatt minħabba li kienet rabtet qalbha magħha t-tifla tal-intimata. Għalhekk skond ir-rikorrent ftehmu fit-28 ta'

[20] Fol 136-151
[21] Fol 37-54

Awwissu 2020 illi l-intimata tgħaddilu ferħ ieħor minn kelba tagħha bl-istess valur ta' kelba bajda tar-razza *pomeranian* ossia fl-ammont ta' € 2,000.

Skond ir-rikorrent l-intimata ma onoratx il-ftehim u għalhekk qed jitlob kumpens fl-ammont ta' € 2,000 peress illi l-kelba baqgħet għand l-intimata mingħajr ma din tgħammret u mingħajr m'għaddietlu *puppy* għall-istess valur. In sostenn tal-asserzjonijiet tiegħu hu għamel riferenza għal Dok JP2(a), (b) u (c) a fol 44-46 fosthom sabiex juri illi huwa kien irreklamaha għal bejgħ għal prezz ta' € 3000 f'Lulju 2017 u għal € 2,000 f'Novembru 2017 u wara li ma nbiegħetx għaddiha lill-intimata bi sħab.

b. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022[22] huwa enfasizza fuq il-ftehim li kellhom fid-19 ta' Awwissu 2020 kif evidenzjat mill-messaġġ a fol 45 tal-proċess fis-sens illi l-intimata żżomm lil Swannie bil-kundizzjoni illi jgħammruha, jieħu *puppy* minn tagħha u imbagħad żżommha hi.

12. **<u>Dr. Sabrina Bonnici</u>**

a. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[23] qalet illi ratha għall-ewwel darba f'nofs April 2018 u peress illi kienet fraġli ħafna u kellha piż baxx, tat il-parir li tiġi sterilizzati sabiex ħajjitha ma tkunx fil-periklu. Din filfatt ġiet sterilizzata.

**WONDER**

13. **<u>Antonella Pulis</u>**:

a. Fl-affidavit tagħha tal-4 ta' Ottubru 2021[24] qalet li din il-kelba tar-razza *Chihuahua Smooth Coat* twieldet fl-24 ta' Marzu 2014 u ilha għandha minn Jannar 2018. Qalet li xtratha għall-prezz ta' € 500 mingħajr il-*pedigree.* Esebiet ukoll iċ-ċertifikat tal-tilqim tagħha bħala Dok AP2 a fol 26.

b. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2024[25] hija sostniet illi kienet xtrat il-kelba u li mhux il-każ illi din tappartjeni lir-rikorrent. Ċaħdet illi Wonder qatt ġiet mgħammra u inoltre qalet illi r-ritratti tal-kelba li esebixxa r-rikorrent bħala Dok JP3 a fol 47 ma jurux lil Wonder iżda lil kelba oħra tagħha bl-isem ta' Hoak.

14. **<u>Jerry Polidano</u>**:

[22] Fol 77-80
[23] Fol 97-100
[24] Fol 20-22
[25] Fol 136-151

a. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[26] qal li huwa ta din il-kelba lill-intimata fi Frar 2018 bi ftehim illi titgħammar u jaqsmu l-boton tagħha. Qal li din kellha tlett *puppies* fit-23 ta' Ottubru 2020 illi suppost inbiegħu. Għalhekk qed jitlob li jingħata lura l-kelba Wonder flimkien ma kumpens ta' € 750 għas-sehem tiegħu minflok *puppy* minn tagħha.

   Ċaħad illi huwa tħallas € 500 għal din il-kelba mill-intimata u in sostenn għamel riferenza għar-ritratti ta' Wonder li huwa esebixxa bħala Dok JP3 a fol 47 fejn huwa qal illi li kieku verament din il-kelba kienet tal-intimata din ma kienetx ser toqgħod tibgħatlu ritratti tal-ġriewi li kellha minn tagħha.

b. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022[27] huwa qal li Wonder twieldet għandu minn ġenituri li xtara huwa stess. Saħaq li huwa għadu sid din il-kelba sal-ġurnata tal-lum.

   Huwa ta l-kelba lill-intimata fi Frar 2018 bi sħab u ċioe bi ftehim illi jgħammruha u jaqsmu l-boton tagħha. Illum il-ġurnata din il-kelba m'għadx għandha valur minħabba li għandha ż-żmien imma għalih ikun ta' preġju li din tirritorna għandu sabiex tingħaqad ma ommha u bintha li t-tnejn jinsabu għandu.

   Tenna illi Wonder kellha tlett *puppies* li kienu ġew mibjugħa u għalhekk huwa dovut tal-inqas prezz ta' ġeru wieħed minn tagħha għall-valur ta' € 750.

15. **Dr. Sabrina Bonnici**

a. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[28] qalet illi ratha għall-ewwel darba fi Frar 2018 meta din diġà kellha xi erbgħa snin. Hija sabet illi din kellha biss vaċċin wieħed u f'Ġunju 2020 kienet ġiet sterilizzata.

**POLLY (jew POLLY POLLY)**

16. **Antonella Pulis**:

a. Fl-affidavit tagħha tal-4 ta' Ottubru 2021[29] qalet li din il-kelba tar-razza *Pomeranian* twieldet fis-16 ta' Mejju 2018 u ilha għandha minn Awwissu 2018. Qalet li hija kienet ħallset lir-rikorrent € 1,000 u li kien għaddielha kopja taċ-ċertifikat tal-*pedigree* (kopja esebita bħala Dok AP3 a fol 28).

---

[26] Fol 37-54
[27] Fol 77-80
[28] Fol 97-100
[29] Fol 20-22

b. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2024[30] ċaħdet illi din tiswa aktar minn elf euro partikularment peress illi tbati minn *Patellar Luxation.* Ċaħdet ukoll li din kienet għandha bi sħab. Qalet li xtatha ta' disa' ġimgħat.

17. **Jerry Polidano**:

a. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[31] qal li huwa ta din il-kelba lill-intimata fl-aħħar ta' Lulju 2018. Qal li huwa lest li jagħtihula iżda jippretendi li jieħu l-valur tagħha ta' € 2,000 bil-*pedigree.*

Sostna illi din twieldet għandu imma kienet oriġinalment irreġistrata fuq ċertu Frans Attard li kien sieħeb tiegħu fin-negozju. Meta imbagħad kellha l-ġriewi, hija ġiet trasferita lilu u dan skond kif jidher f'Dok JP4(b) a fol 49.

Ċaħad illi tħallas €1,000 tagħha mill-intimata.

b. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022[32] huwa għamel aċċenn għad-dokument JP4(a) a fol 42 li juri li l-ftehim dwar din il-kelba kien illi ukoll tkun bi sħab fis-sens illi titgħammar u jaqsmu l-boton. Qal li llum il-ġurnata għandha erba' snin u nofs u għad għandha valur minħabba li tista' tiġi mgħammra. Huwa qal illi matul iż-żmien li żammitha l-intimata setgħet tagħmel il-qliegħ minnha. Huwa sostna illi l-kelba hija tiegħu u li għandu d-dritt għall-valur tagħha, ossia fl-ammont ta' € 2,000 bil-*pedigree.*

c. Fil-kontroeżami tiegħu tat-30 ta' Jannar 2023[33] kkonferma illi l-kelba hija tiegħu kif juri d-dokument a fol 87 u li bħal klieb l-oħra, din qegħda għand l-intimata mingħajr *pedigree* peress li kollha jgħajjtu lilu.

18. **Dr. Sabrina Bonnici**

a. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[34] qalet illi ilha tara lil din il-kelba mill-bidu ta' Awwissu 2018. Din tbati minn Patellar Luxation u għalhekk kellha tiġi sterilizzati f'Ġunju 2020.

**MAYA**

---

[30] Fol 136-151
[31] Fol 37-54
[32] Fol 77-80
[33] Fol 86A-87
[34] Fol 97-100

19. **Antonella Pulis**:

a. Fl-affidavit tagħha tal-4 ta' Ottubru 2021[35] qalet li din il-kelba tar-razza *Pomeranian* twieldet fid-9 ta' Jannar 2017 u ilha għandha minn Mejju 2018. Esebiet iċ-ċertifikat tat-tilqim tagħha bħala Dok AP5 a fol 31. Qalet li hija kienet ħallset lir-rikorrent € 1,000 mingħajr *pedigree* iżda kien għaddielha kopja taċ-ċertifikat tal-*pedigree* (kopja esebita bħala Dok AP6 a fol 33).

b. Fix-xhieda tagħha in kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2024[36] sostniet illi r-rikorrent kien jaf li din il-kelba ma kienetx għal *breeding* minħabba d-difetti li kellha. Ċaħdet illi għammritha ma kelb bl-isem ta' Yulik f'Ottubru 2020. Ċaħdet ukoll illi f'dan ir-rigward bagħtet il-messaġġ immarkat bħala Dok JP5(a) a fol 50 fejn jidhru l-kliem: *"Maya qeda tajba, naghmruha għada?"*

20. **Jerry Polidano**:

a. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-8 ta' Novembru 2021[37] qal li huwa kien taha din il-kelba bi sħab f'Marzu 2018 u li jekk ma tridx ittihilu lura lest jaċċetta s-somma ta' € 1,500 bil-*pedigree*. Huwa għamel riferenza għal Dok JP5(a) a fol 50 bħala prova illi l-kelba ġiet mgħammra ma kelb tiegħu bl-isem ta' Yulik għalkemm m'għandux provi li kellha l-frieħ.

Ċaħad li l-intimata ħallsitu € 1,000 għaliex fi kwalunkwe każ l-kelba tiswa € 1,500.

b. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu tat-28 ta' Novembru 2022[38] huwa qal li din twieldet għandu fid-9 ta' Mejju 2016 minn ġenituri li xtara u li jgħixu għandu sal-lum. Sostna illi ħaqqu l-valur tal-kelba għaliex huwa s-sid tagħha.

21. **Dr. Sabrina Bonnici**

a. Fl-affidavit tagħha tat-13 ta' Novembru 2023[39] qalet illi ilha tara lil din il-kelba mill-2018. Mal-ewwel *checkup* tagħha sabet li t-tilqim ma kienx *up to date*. Sabitilha ukoll illi tbati minn xi difetti fosthom Patellar Luxation kif ukoll Class 2 Undershot. Għalhekk kienet tat il-parir sabiex tiġi sterilizzata u hekk kien ġara.

---

[35] Fol 20-22
[36] Fol 136-151
[37] Fol 37-54
[38] Fol 77-80
[39] Fol 97-100

b. In kontroeżami fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2024[40] ikkonfermat illi hija sewwietha fis-sena 2020, fil-bidu tas-Sajf. Qalet illi huwa impossibbli dak li qed tallega l-avukat tar-rikorrent ossia illi din tgħammret ma kelb ieħor f'Ottubru 2020.

22. Apparti l-kontendenti u Dr. Sabrina Bonnici, xhieda oħra li tressqu matul il-kawża kienu **<u>Brian Pulis</u>** (ir-raġel tal-intimata), **<u>Raymond Zahra</u>** (l-*ex-partner* tar-rikorrent) u **<u>Daniela Buttigieg</u>** (ex-klijenta tar-rikorrent).

   a. **<u>Brian Pulis</u>** xehed fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021[41] *inter alia* dwar dak li kienet qaltlu l-mara tiegħu, ossia l-intimata, inkluż li kienu xtraw il-*French bulldogs* bejniethom bi sħab, li ma kienx qed iżomm kelmtu dwar l-ispejjeż u li fil-bidu tal-2019 kienet ser twaqqaf kollox u tagħtihomlu lura sabiex tibda tagħmel in-negozju għal rasha. Qal ukoll illi kienet titolbu l-flus biex tħallas lir-rikorrent u li kienet tgerger li qatt ma kien itiha riċevuta.

   b. **<u>Raymond Zahra</u>** *ex-partner* tar-rikorrent qal fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-4 ta' Ottubru 2021[42] illi f'Settembru 2018 ġabitlu l-klieb kollha lura u qaltlu biex iżomm kollox u li ma trid xejn tal-ikel u l-mediċini li xtratilhom. Qal ukoll illi kienet xtrat xi klieb mingħand ir-rikorrent u li kull meta kienet tixtri xi kelba mingħandu kienet tħallsu *cash* u li r-rikorrent ma kienx joħroġ riċevuti la lilha u lanqas lil klijenti oħra.

   c. **<u>Daniela Buttigieg</u>** qalet fl-affidavit tagħha ppreżentat fit-13 ta' Novembru 2023[43] fost affarijiet oħra illi hija kienet xtrat tlett iklieb mir-rikorrent iżda dan qatt ma kien taha riċevuti.

**Kunsiderazzjoni: Eċċezzjonijiet preliminari**

23. Kif ġa ngħad, l-intimata għamlet numru ta' eċċezzjonijiet preliminari qabel l-eċċezzjoni tagħha illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni (ir-raba' eċċezzjoni ppreżentata) ġiet miċħuda mill-Qorti permezz tas-sentenza parzjali tagħha tad-9 ta' Mejju 2022.

---

[40] Fol 124-134
[41] Fol 23
[42] Fol 24
[43] Fol 96

24. L-ewwel eċċezzjoni hija dik illi r-rikorrent "*għandu jiddikjara taħt liema artikoli tal-liġi qed isejjes il-pretensjonijiet u t-talbiet tiegħu*". Din ġiet sorvolata permezz tan-nota ppreżentata fil-21 ta' Lulju 2021[44] ir-rikorrent iddikjara illi l-azzjoni hija bbażata fuq l-Art. 960 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta *"u ċioe ksur ta' obbligazzjonijiet da parti tal-konvenuta liema obbligazzjonijiet huma naxxenti minn ftehim verbali milħuq bejn il-partijiet".*

25. It-tieni eċċezzjoni hija dik illi "*r-rikorrent għandu ukoll jiddikjara, b'mod dettaljat, meta dawn il-klieb kienu allegatament għandu u taħt liema titolu*". Din ġiet sorvolata *in parte* permezz tax-xhieda u provi mressqa mir-rikorrent matul il-proċediment illi jinkludu fost oħrajn iċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-klieb Polly u Maya.

26. It-tielet eċċezzjoni hija dik illi "*r-rikorrent ukoll għandu jiddikjara meta talab, dak li fil-fatt qed jitlob, b'att ġudizzjarju qabel ma intavola r-rikors odjern"*. Mill-atti jirriżulta illi ma kien hemm l-ebda interpellanza b'att ġudizzjarju mir-rikorrent qabel il-ftuħ tal-proċedura.

    Madanakollu l-liġi ma teħtieġx li jkun hemm din is-sejħa ħlief fil-każ ta' kawżi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubbliċi oħra u għalhekk m'huwiex il-każ illi għal dik ir-raġuni biss l-azzjoni tar-rikorrent hija intempestiva. Il-fatt li ma tkunx saret interpellanza għall-ħlas għandu jittieħed in konsiderazzjoni biss fir-rigward ta kif l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu spartati u dan **<u>meta l-eċċipjenti tammetti t-talbiet u mhux meta, bħal f'dan il-każ, hija tikkuntestahom.</u>** Fuq dan il-punt, fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Ltd. et.</u>** (PA, Ċit Nru 1263/2000/1 GCD, 29/10/2002) ingħad illi:

    > "L-aħħar eċċezzjoni hija dwar l-ispejjeż tal-kawża għax The Cargo Handling Company Limited qiegħda tgħid illi ma saritilha ebda sejħa għall-ħlas qabel ma nfetħet il-kawża. Din l-eċċezzjoni kien ikollha meritu li kieku l-eċċipjenti kienet ammettiet it-talbiet, u għalhekk il-kawża tkun saret għalxejn għax kienet tammetti qabel li kieku qabel il-kawża saritilha talba għall-ħlas. Ladarba iżda saret kontestazzjoni, is-sejħa għall-ħlas qabel il-kawża kienet xorta tkun saret għalxejn, u għalhekk l-eċċezzjoni dwar l-ispejjeż hija miċħuda"

**Kunsiderazzjoni: Ġenerali**

27. Qabel xejn il-Qorti tħoss li jkun xieraq illi tagħmel riferenza għall-leġislazzjoni li tirregola r-reġistrazzjoni tal-klieb ġewwa pajjiżna. L-**<u>Att dwar il-Klieb</u>** (Kap. 312) jipprovdi fost oħrajn illi ħadd ma jista' jżomm kelb li jkollu sitt xhur jew iżjed mingħajr liċenzja maħruġa taħt l-Att[45] u li din il-liċenzja tinħareġ fuq kull kelb[46].

---

[44] Fol 15
[45] Kap. 312, Art. 3(1)
[46] Kap. 312, Art. 4(2)

Inoltre skont ir-**<u>Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb</u>** (Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101) ħadd ma jista' jżomm kelb t'erba' xhur jew aktar mingħajr ma jkollu liċenzja maħruġa mid-Direttur għas-Servizzi Veterinarji liema liċenzja toħroġ mar-reġistrazzjoni elettronika permezz ta' ċippa inserita fil-kelb.[47] Dawn ir-Regolamenti jipprovdu ukoll illi dan l-obbligu qiegħed fuq kull min ikun fil-pussess ta' kelb, ossia' jew id-detentur ta' kelb (*"keeper"*) li huwa dak il-persuna li *ikollu l-kustodja, jew soltu jitma jew jieħu ħsieb xi kelb, is-sidien ta' santwarju tal-klieb u pet shop* jew inkella sid il-kelb li huwa dak il-*persuna jew entità ġuridika li f'isimhom ikun reġistrat il-kelb.* Dan ifisser li min jieħu l-kelb sabiex jiġi *microchipped* ma jkunx neċessarjament sidu.

28. Huwa rilevanti ukoll il-fatt illi m'hemm l-ebda obbligu legali li min ikollu kelb reġistrat taħt l-Att dwar il-Klieb jew min jixtri tali kelb jirreġistra t-trasferiment ma xi awtorita' iżda jekk il-kelb ikun *microchipped* (reġistrat taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101), it-trasferiment tal-kelb (u allura tal-*microchip*) jrid jiġi notifikat lid-Direttur fi żmien sebat ijiem.[48]

29. Fil-prattika r-reġistrazzjoni tal-kelb taħt il-Kap. 312 ssir mal-*Maltese National Canine Federation* illi toħroġ *Registration Certificate inter alia* bl-isem tal-kelb, l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-missier u tal-omm, id-data tat-twelid u l-isem tar-*Registered Owner.* Eżempju ta' ċertifikat bħal dan jidher fid-dokument a fol 87 tal-proċess. Fuq wara taċ-ċertifikat ikun hemm formola li tintuża għat-trasferiment tal-kelb (li kif ġa ngħad mhijiex obbligatorja skond il-liġi[49]). Il-formola tinkludi l-firem tas-sid (bejjiegħ) u x-xerrej u jekk ikun irid ix-xerrej jista' jħallas xi ħaġa żejda sabiex jingħata dak li jissejjaħ *Three Generation Pedigree* li huwa ċertifikat bl-arblu tar-razza tal-kelb li juri l-aħħar tlett ġenerazzjonijiet fit-tnissil tiegħu. Għalkemm ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment mhijiex obbligatorja, madanakollu permezz tagħha min jixtri kelb apparti li ikollu s-serħan tal-moħħ dwar il-purita' tal-kelb li jkun xtara, ikun jista' jirreġistra l-frieħ u jbiegħhom bil-*pedigree.* Persuna li tixtri kelb mingħajr ma tirreġistra t-trasferiment ma tkunx tista' tirreġistra l-frieħ tal-istess kelb. Huwa għalhekk illi fi kliem komuni, kelb li jinxtara biċ-ċertifikat tal-*pedigree* ossia' bil-firma tal-bejjiegħ fuq wara taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni (jew inkella bil-firma tal-bejjiegħ fuq formola oħra appożita), għandu iżjed valur u dan għaliex min jixtrih apparti li ikun jaf li l-kelb ikun tnissel minn klieb oħra li ukoll ikunu ġew reġistrati mal-Federazzjoni, ikun jista' jagħmel negozju minnhom fil-futur u jiżgura li l-frieħ ukoll ikunu ta' valur billi jkunu jistgħu jiġu rreġistrati mal-federazzjoni. Kif ġa ngħad ukoll, il-liċenzja taċ-ċippa hija xi ħaġa separata peress illi r-reġistrazzjoni elettronika tal-kelb permezz taċ-ċippa huwa obbligu mhux biss tal-proprjetarju iżda

[47] Reg. 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101
[48] Reg. 5(10) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101
[49] Ara fol 87 wara

anke tad-detentur tal-kelb. Għalhekk il-fatt illi ċ-ċippa ta' kelb tkun tgħajjat lil ċertu persuna ma jkunx ifisser illi dik il-persuna hija sidu.

30. Fil-każ in eżami, riferibilment għat-tieni eċċezzjoni tal-intimata (illi "*r-rikorrent għandu ukoll jiddikjara, b'mod dettaljat, meta dawn il-klieb kienu allegatament għandu u taħt liema titolu*"), għalkemm l-intimata ma esebiet l-ebda dokumenti f'dan ir-rigward, ingħad minnha u anke mill-veterinarja **Dr. Sabrina Bonnici** illi l-klieb in kwistoni ġew reġistrati elettronikament (*microchipped*) fuq l-intimata bħala **detentur** ("*keeper*") tagħhom. L-intimata ukoll *ex-admissis* qalet illi hija xtrat il-klieb mingħand ir-rikorrent mingħajr *pedigree* li jfisser illi qatt ma ġie rreġistrat it-trasferiment tagħhom mal-federazzjoni. Dan ifisser ukoll li għalkemm ir-rikorrent esebixxa biss ir-*Registration Certificates* tal-klieb Polly[50] u Maya[51], hemm rikonoxximent mill-intimata illi hija biss d-detentur tal-klieb in kwistjoni u li fil-verità s-sid reġistrat tagħhom huwa r-rikorrent.

31. Id-diverġenza bejn il-partijiet hija waħda enormi. Skond ir-rikorrent dawn il-klieb ingħataw lill-intimata bi ftehim ta' sħab (fil-każ tal-kelb Falco jgħid li l-prezz tax-xiri tiegħu ġie saħansitra maqsum bejn il-kontendenti) fis-sens illi dawn għalkemm jibqgħu proprjeta' tiegħu (għajr għall-kelb Falco li nxtara minnhom it-tnejn u li għalhekk jappartjeni lit-tnejn li huma) jinżammu mill-intimata li trabbihom u tindukrahom sabiex jitgħammru (bil-frieħ ukoll jiġi mrobbija u indukrati minnha) u imbagħad il-partijiet jaqsmu r-rikavat tal-bejgħ tal-frieħ. Min-naħa l-oħra l-intimata tgħid illi għalkemm huwa veru illi kien hemm ftehim ta' dan it-tip rigward tal-inqas xi għaxart iklieb, però dawn il-ħamest iklieb qatt ma kienu bi sħab u filfatt hija kienet xtrathom mir-rikorrent u ħallsitu tagħhom fi flus kontanti.

32. Il-Qorti tagħraf illi bejn dak li tallega l-intimat u dak li jgħid ir-rikorrent hemm baħar jaqsam. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea v. Maria Dolores Briffa** (Rik. Nru. 422/2012 MLF, 23/02/2022):

> "F'każijiet bħal dawn meta l-partijiet jagħtu żewġ verżjonjiiet tal-fatti li huma kunfliġġenti jew opposti għal xulxin, huwa risaput li l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-verżjonijiet teskludix lill-oħra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosomiljanza. F'kawżi ta' natura ċivili, dan l-eżerċizzju l-Qorti għandha tagħmlu fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joħolqu fil-ġudikant il-konvinzjoni li jaċċetta verżjoni u jeskludi l-oħra."

33. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **John Bonnici v. Richard Vella** (PA, Rik. Nru. 103/2011 GM, 04/07/2019) intqal illi:

---

[50] Fol 87
[51] Fol 52

"In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero` mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall- passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant...

... In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas- sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża talattur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament millallegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għabbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu talġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni talkonvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-

razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni

34. Il-Qorti tagħmel riferenza ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn inghad illi:

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

35. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (Avviż tat-Talba numru: 356/2016 KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 31/10/2019) it-Tribunal elenka b'mod mirqum sitwazzjoni, pjuttost komuni, fejn l-ġrajja proċesswali tippreżenta żewġ estremi bħal dawk in diżamina, f'liema każ il-kompitu ta' min huwa msejjaħ jiddeċiedi jsir ferm aktar diffiċli u ardwu:

> "F'tali cirkostanzi, il-qrati taghna ghallmu li, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata). Izda jigi wkoll mistqarr li dan mhux dejjem possibbli, aktar u aktar meta, il-provi ghar-rigward ikunu ta' natura kemmxejn skjetta, akkumpanjati minn verzjonijiet dijametrikament opposti wahda ghall-ohra (hekk kif inhu l-kaz *de quo*). F'tali sitwazzjonijiet, certu normi tal-Ligi u numru ta' principji guridici jissokkorru lil gudikant sabiex jaghtuh kejl ta' mizurazzjoni ai finijiet ta' decizjoni.
> Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-

verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet.

Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini bhal "quod non est in actis non est in mundo", "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam" u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".

Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat mil-awtur **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p. 8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*"

Issa, il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq l-attur li hu dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhux mistenni li jipprova l-kaz tieghu lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja. Tali *standard* jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jaghtu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **LORD DENNING J**., fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that*

*the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not.*" Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **LORD HOFFMAN J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan: "*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened.*"

Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company."*

36. Imbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia</u>** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 24/11/1966) intqal illi:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

37. Fil-każ in eżami dak li qed jitlob ir-rikorrent mhuwiex il-ħlas tal-prezz tal-klieb għaliex huwa qed jikkuntesta l-allegazzjoni tal-intimata li dawn il-klieb kienu ġew mibjugħa lilha. Lanqas m'huwa qed jitlob li jiġu ritornati lura lilu (għajr għall-kelb Wonder). L-azzjoni tar-rikorrent fir-rigward tal-klieb Falco, Swanny, Polly u Maya hija illi jingħata kumpens ammontanti għall-valur ta' tali klieb, liema kumpens huwa jillikwidah b'mod espress fir-rikors promotur. Fir-rigward tal-kelb Wonder huwa qed jitlob li jingħatalu lura u inoltre illi l-Qorti iġġiegħel l-intimata tonora l-ftehim illi ttih kumpens fil-valur ta' ġeru wieħed tal-istess kelba.

38. Applikat l-insenjament tas-sentenzi appena ċitati għal dan il-każ, il-Qorti qabel xejn tqis illi r-rikorrent kellu l-*onus probandi* illi jipprova l-eżistenza tal-obbligazzjoni kuntrattwali favur tiegħu u sussegwentement illi l-intimata kienet inadempjenti fl-eżekuzzjoni tagħha. Fin-nota ippreżentata fil-21 ta' Lulju 2021[52] ir-rikorrent iddikjara illi l-azzjoni hija bbażata fuq l-Art. 960 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta *"u ċioe ksur ta' obbligazzjonijiet da parti tal-konvenuta liema obbligazzjonijiet huma naxxenti minn ftehim verbali milħuq bejn il-partijiet"*. Il-ftehim verbali skond ir-rikorrent ġie deskritt minnu bħala wieħed ta' "*sħab*" u ċioe li huwa jibqa' proprjetarju tal-klieb in kwistjoni (fil-każ ta' Falco, ko-proprjetarju mal-intimata) filwaqt li din trabbihom għandha u imbagħad jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ tal-frieħ. L-intimata kif għedna tiċħad l-eżistenza ta' dan il-ftehim u tgħid illi hija xtrat il-klieb mingħandu mingħajr ma qatt però ma ġie rreġistrat it-trasferiment tagħhom (i.e. mingħajr ma ġiet mogħtija ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni iffirmat fuq wara mir-rikorrent bħala l-bejjiegħ).

39. Il-Qorti wara li għarblet għal diversi drabi dawn il-verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin iltaqgħet, għal iktar minn darba, ma ċertu inkonsistenzi fix-xhieda tal-intimata kif ukoll dokumenti preżentati fil-mori tal-kawża li jagħmlu t-teżi tagħha inqas kredibbli minn dik tar-rikorrent:

    a. Forsi l-aktar inkonsistenza illi tagħti fil-għajn hija dik illi temerġi fil-kontroeżami tagħha tas-7 ta' Ottubru 2024[53] meta l-avukat tar-rikorrent għamlitilha riferenza għal messaġġ li tgħid li bagħtet lir-rikorrent fit-30 ta' Ġunju 2019 bil-kliem: "*Dawn li nixtieq nzomm, Poli Poli, Wonder, Maya, Swanny, Joe, Hope u Faith"*. Il-Qorti tirrimarka illi għalkemm dan il-messaġġ ma jidhirx fil-proċess, madanakollu huwa ferm indikattiv il-fatt illi hija ma nnegatx illi qalet dawk il-kliem. Filfatt hija qalet biss illi dan il-messaġġ ma kienx komplut għaliex il-messaġġ jkompli bil-kliem *"ovvja mhux b'xejn ta"* li jfisser li hija riedet tikkumpensah.

    **Il-Qorti tqis illi din il-verżjoni tikkuntrasta mal-pretiża tagħha illi l-klieb qatt ma kienu bi sħab u li kienet xtrathom mingħand ir-rikorrent għaliex li kieku dan kien il-każ, ma kienetx tibgħatlu li tixtieq iżżomm klieb li suppost huma tagħha bi dritt.**

    b. Hekk ukoll fl-istess kontroeżami l-avukat tar-rikorrent għamlitilha riferenza għal kopja ta' messaġġ "Dok JP1(a)" mibgħut minnha skond fis-7 ta' Ottubru 2019 a fol 42 tal-proċess fejn taħt ir-ritratt tal-kelb Falco qaltlu l-kliem *"Hi swt. kemm hu sabih, jekk trid nixtruh bi shab ghalija mhux problema imma fil-kas*

[52] Fol 15
[53] Fol 136-151

*zommu int"*. Mistoqsija x'kellha xi tgħid għal dawn il-kliem hija qalet illi r-rikorrent ma kienx aċċetta għax huwa qatt ma ried iżomm klieb ta' ħaddieħor bi sħab iżda ried li jkun is-sieħeb l-ieħor li jżommhom u jitmagħhom. Inoltre iktar tard matul l-istess seduta kkonfermat illi kienet damet sena biex tieħu lil kelb Falco mingħand ir-rikorrent wara li allegatament xtratu għaliex skond hi dan ried jgħammar bih sabiex jieħu l-frieħ minn tiegħu minkejja li f'dik is-sena il-kelb ma kienx bi sħab bejniethom.

**Din ix-xhieda tindika illi tal-inqas għal dak li jirrigwarda l-kelb Falco, l-intimata kellha l-intenzjoni li tixtri dan il-kelb flimkien mar-rikorrent bi sħab. Il-fatt illi skond hi damet sena biex tiġbor il-kelb mingħand ir-rikorrent <u>wara li xtratu</u>, għaliex skond hi r-rikorrent "ried jgħammar bih", hija indikazzjoni pjuttost ċara illi l-kelb kien taħt l-arranġament deskritt mir-rikorrent bħala "*bi sħab*" u mhuwiex veru illi dan kien ġie mixtri mill-intimata.**

c. Fid-dokument immarkat Dok JP2(a) a fol 44 f'messaġġ mibgħut mir-rikorrent lill-intimata, liema messaġġ ma ġiex ikkuntestat minnha matul il-kawża, b'riferenza għall-kelba Swannie dan qallha li din hija kelba illi isibha diffiċli li jbiegħha lil terzi u li 'l quddiem jistgħu jieħdu ċ-ċans li jgħammruha *"dejjem bi sħab".*

Hekk ukoll fid-dokument immarkat Dok JP2(b) a fol 45 f'messaġġ mibgħut mill-intimata lir-rikorrent, din qaltlu b'riferenza għal Swannie illi *"jekk mhux problema għalik mbat meta jkollna l-puppies hu puppy bhal m etli u tibqa tijej..."*.

**Dawn id-dokumenti jindikaw illi tal-inqas għal dak li jirrigwarda l-kelba Swannie, huwa minnu illi din kienet taħt l-arranġament *"bi sħab"* bejn il-kontendenti.**

40. Dawn l-inkonsistenzi jagħmlu t-teżi tal-intimata waħda inqas kredibbli minn tar-rikorrent u l-Qorti tħoss illi fuq bilanċ ta' probabiltajiet huwa iżjed probabbli illi l-klieb kollha mertu tal-kawża kienu suġġetti għall-ftehim ta' *"sħab"* kif deskritt mill-istess rikorrent.

41. Inoltre il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi l-intimata ma seħħiliex tipprova b'xi mod illi hija xtrat il-klieb in kwistjoni mingħand ir-rikorrenti, wisq anqas illi ħallset għalihom. Għalkemm hija ġabet prova (inkluż minn xhieda oħra) illi r-rikorrent kellu *modus operandi* jew vizzju li ma joħroġx riċevuti, fl-istess ħin kien jispetta lilha bħala xerrejja illi tal-inqas jekk ma tingħatax riċevuta għall-ħlas tal-prezz, tingħata ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-kelb iffirmat mill-bejjiegħ sabiex b'hekk tkun tista' tiġi reġistrata bħala l-proprjetarju l-ġdid tal-kelb. In-nuqqas

tagħha li tagħmel dan, iżjed u iżjed meta suppost hija kienet taf li kellha numru ta' klieb oħra (xi għaxra oħra) li kienu għandha *"bi sħab"* mar-rikorrent, huma indikazzjoni ċara illi mhuwiex veru illi dawn il-klieb kienu nxtraw mingħandu.

42. Ta' min isemmi ukoll illi fir-risposta tagħha stess l-intimata ma eċċepietx illi l-klieb huma proprjeta tagħha għaliex xtrathom mir-rikorrent iżda tgħid biss illi l-klieb huma reġistrati fuqha (u anke hawnhekk ma kienetx eżattament korretta għaliex li għandha reġistrati fuqha huma ċ-ċippep u mhux iċ-ċertifikati tal-klieb li juru min huwa sidhom)

43. Għalhekk il-Qorti qed taċċetta bħala kredibbli t-teżi tar-rikorrent illi mhux biss il-klieb in kwistjoni kienu *"bi sħab"* bejn il-partijiet, iżda inoltre li l-intimata kisret il-ftehim meta ddeċidiet li żżommhom daqs li kieku kienu tagħha minflok ma rritornathom lil sidhom.

**Kumpens dovut**

44. Fir-rigward tal-valur ta' Falco, dan il-kelb ġie mixtri mill-partijiet fi kwoti indaqs bil-prezz ta' € 2,500. Il-Qorti qed taċċetta d-dokumenti esebiti mir-rikorrent f'dan ir-rigward. Għalhekk tqis illi l-kumpens mitlub mir-rikorrent fis-somma ta' **<u>€ 1,250</u>** bħala wieħed ġust.

45. Fir-rigward tal-valur ta' Swannie il-Qorti ħadet qies tad-dokumenti Dok JP2(a), (b) u (c) a fol 44-46 li juru li din kienet ġiet irreklamaha għal bejgħ għal prezz ta' € 3,000 f'Lulju 2017 u għal € 2,000 f'Novembru 2017. Madanakollu il-Qorti anke wara li qieset dak li xehdet Dr. Sabrina Bonnici tħoss illi l-ammont ta' **<u>€ 1,000</u>** huwa iżjed realistiku fiċ-ċirkustanzi u tqis illi fin-nuqqas ta' prova konklussiva dwar il-valur, xi ħaġa li r-rikorrent seta' talab jekk hemm bżonn anke permezz tal-ħatra ta' espert, hija għandha tillikwida l-kumpens *arbitrio boni viri* f'tali ammont ta' € 1,000.

46. Rigward it-talba għar-restituzzjoni tal-kelba Wonder il-Qorti tħoss illi tenut kont l-eta' tagħha fil-ġurnata tal-lum u l-fatt illi r-rikorrent stess jammetti li din ftit li xejn għandha valur fil-ġurnata tal-kum, ftit ikun jagħmel sens illi tilqa' din it-talba. Dwar il-ftehim li kellhom il-kontendenti sabiex jaqsmu r-rikavat tal-bejgħ tal-frieħ, inġiebet prova illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, din kienet ġiet sterilizzata u għalhekk mhux il-każ illi din kellha xi frieħ. Għalhekk il-Qorti mhijiex ser tagħti ebda kumpens fir-rigward ta' din il-kelba u lanqas mhu ser tilqa' t-talba li tiġi restitwita lura lir-rikorrent.

47. Fir-rigward tal-valur tal-klieb Polly u Maya, bħal fil-każ tal-kelba Swannie, fin-nuqqas ta' prova konklussiva dwar il-valur tagħhom u fid-dawl ta' dak li xehdet Dr. Sabrina Bonnici (ossia li kellhom il-kundizzjoni ta' Patellar Luxation) il-Qorti sejra tillikwida l-kumpens dovut fl-ammont ta' **<u>€ 800 kull wieħed.</u>**

**Reġistrazzjoni tat-trasferiment**

48. Il-Qorti tikkunsidra illi fl-interess tal-ġustizzja u peress illi r-rikorrent innifsu qiegħed iqis l-ammonti li qed jitlob bħala kumpens bħala li jirrappreżentaw is-sehem tiegħu mill-klieb, hija għandha tqis illi b'effett ta' din is-sentenza l-klieb issa ma baqgħux proprjeta tar-rikorrent u t-titolu għalihom ser jgħaddi għand l-intimata.

49. Għalhekk il-Qorti tqis illi jkun ġust li tordna illi fir-rigward tal-klieb Falco, Swannie, Polly u Maya ir-rikorrent jgħaddi ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni tagħhom lill-intimata bil-firma tiegħu bħala s-sid fuq wara tal-istess ċertifikati. Id-data tat-*transfer of ownership* għandha tkun dik tad-data tas-sentenza. Imbagħad ikun jispetta lill-intimata sabiex jekk trid tirreġistra t-trasferiment, tagħmel dan a spejjeż tagħha.

**Deċiżjoni**

50. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent *in parte* kif ġej:**

    a. **Tiddikjara illi l-intimata kisret il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet rigward il-klieb mertu tal-kawża b'dan illi għandha tagħti kumpens lir-rikorrent fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u ħamsin euro (€ 3,850).**

    b. **Tikkundanna lill-intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrent bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

    **Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata inkluż dawk in konnessjoni mas-sentenza parzjali tad-9 ta' Mejju 2022. Il-Qorti tordna ukoll illi fir-rigward tal-klieb Falco, Swannie, Polly u Maya ir-rikorrent jgħaddi ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni tagħhom lill-intimata bil-firma tiegħu bħala s-sid fuq wara tal-istess ċertifikati u bid-data ta' trasferiment indikata bħala 20 ta' Jannar 2025.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep Reġistratur